# KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA
# IT-TIENI LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU 32

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**Il-Ħamis 16 ta' Marzu 2017 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

*** **Peress illi ċ-Ċerpersin kien assenti b'apoloġija u l-Viċi Ċerpersin kien assenti wkoll, ippresieda l-laqgħa l-aktar membru anzjan, is-Sur George Attard.**

** **Is-Sur Anġlu Portelli daħal għal-laqgħa fil-5.25 ta' filgħaxija.**

**32.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

32.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija x'jiġu moqrija. — Qari tal-ittri ta' apoloġiji

******* **Is-Sur George Attard ippropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġi diskussi issa *items* nru 32.4 u 32.5 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjarju u spjega tal-*Budget* 2017 Issekondat din il-proposta s-Sra Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament.** — Bdil fl-ordni tal-aġenda

**32.4** **Rapport dwar il-Finanzi**

32.4.1 L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-*Management Accounts* għas-sena 2016, liema *Management Accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. — Rapport dwar il-Finanzi

Is-Sur George Attard ippropona li dawn il-*Management Accounts* jiġu approvati. Issekondat din il-proposta s-Sra Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament.

**32.5** ***Budget* 2017**

**32.5.1** L-*accountant* tal-Kunsill spjega l-*Budget* għas-sena 2017, liema *Budget* jinsab anness ma' dawn il-minuti. Huwa spjega li l-Kumitat Amministrattiv għadu ma rċeviex l-allokazzjoni għas-sena 2017 u għaldaqstant il-Budget inħadem fuq l-allokazzjoni tas-sena 2016. — *Budget* 2017

Is-Sur George Attard ippropona li l-*Budget* jiġi approvat. Issekonda din il-proposta is-Sur Anġlu Portelli. Il-Kumitat qabel unanimament.

**32.2** **Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru 31**

32.2.1 Il-minuti tas-seduta numru 31 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sur George Attard u mis-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti 31

**32.3** **Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin**

32.3.1 Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni miċ-Ċerpersin x'tiġi diskussa. — Komunikazzjoni miċ-Ċerpersin

**32.6** **Mozzjoni 01/2016 – 'Mozzjoni biex issir talba lill-'Malta Communications Authority' sabiex issir installazzjoni ta' *Free WiFi* fil-pjazza tal-Baħrija'**

31.6.1 Peress li l-Viċi Ċerpersin li ppropona din il-mozzjoni ma kienx preżenti għal-laqgħa, tali mozzjoni ser terġa' tittella' fuq l-aġenda li jmiss.

Mozzjoni 01/2016 – Mozzjoni biex issir installazzjoni ta' *Free WiFi* fil-Pjazza tal-Baħrija

**32.7** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

32.7.1 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 20 ta' April 2017 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

32.7.2 Il-laqgħa ntemmet fis-6.20 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum ........................... ........... ta'......................... 2017

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| **Paul Grech**<br>**Ċerpersin** | **Orietta Cardona**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |